



**Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni**

# **Inressqu lill-Ewropa eqreb taċ-ċittadini**

**Il-prijoritajiet politiċi tal-Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni għall-2020-2025**

# Inressqu lill-Ewropa eqreb taċ-ċittadini

Il-prijoritajiet politiċi tal-Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni għall-2020-2025



L-awtoritajiet lokali u reġjonali, irrappreżentati fl-UE mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, minn dejjem kienu s-sinsla tad-demokrazija Ewropea. Il-pandemija reċenti tal-COVID-19 uriet il-mexxejja lokali u reġjonali bħala l-forza mexxejja tal-komunitajiet lokali, huma u jieħdu azzjoni matul l-emerġenza u jmxexxu l-irkupru tal-UE. Li nressqu lill-Ewropa eqreb taċ-ċittadini permezz tal-villaġġi, il-bliet u r-reġjuni tagħha għalhekk ser tkun il-missjoni primarja tal-Kumitat tagħna, missjoni li ser tinkiseb permezz ta' tliet prijoritajiet ewlenin.

**1** Id-deċiżjonijiet kollha jridu jittieħdu kemm jista' jkun qrib taċ-ċittadini, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Dan jinvolvi l-wiri u t-tisħiħ tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE.

Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa hija opportunità biex jittejjeb il-mod kif taħdem l-UE, billi jiġu kondiviżi u applikati fuq skala akbar il-prattiki ta' suċċess ta' parteċipazzjoni ċivili, li l-membri tagħna żviluppaw fil-kostitwenzi tagħhom, u b'hekk jiġi riformat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

Ser inkomplu niżguraw ukoll li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż ta' implimentazzjoni għar-reġjuni tagħna.

Il-prijoritajiet kollha tagħna ser jiġu riflessi f'kampanji ta' komunikazzjoni moderni u dinamiċi, li ser jibagħtu messaggġ qawwi dwar il-valur miżjud reali tal-UE, ir-reġjuni, il-bliet u l-irħula tagħha.

**2** Id-deċiżjonijiet Ewropej kollha għandhom jittieħdu fid-dawl tal-impenn tagħna li nindirizzaw it-trasformazzjonijiet kbar fis-soċjetà li qed jiffaċċjaw il-villaġġi, il-bliet u r-reġjuni tagħna.


Dawn jinkludu pandemiji globali, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-isfidi demografiċi u l-flussi migratorji.

Li nkunu aktar b'saħħitna flimkien wara dawn it-tranżizzjonijiet ser jiddetermina l-kapaċità tagħna li nkunu s-sidien tal-futur tagħna u nibnu r-reżiljenza fil-komunitajiet lokali.

**3** Ser nippromovu l-koeżjoni bħala valur fundamentali fil-politiki u l-programmi kollha tal-UE.

It-trawwim tal-koeżjoni fl-Ewropa jeħtieġ baġit tal-UE li jkun ambizzjuż, fit-tul u li joffri biżżejjed finanzjament strutturali u ta' koeżjoni u investiment agrikolu għar-reġjuni u l-bliet kollha.

Iżda l-koeżjoni hija aktar minn sempliċiment flus: hija valur li tmexxi t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, toħloq opportunitajiet ta' impjieg fit-tul għal kulħadd u twettaq politiki bbażati fuq il-post li jissodisfaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadini.



# Werrej

Daħla

8

Apostolos Tzitzikostas  
*President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

10

Vasco Alves Cordeiro  
*L-ewwel Viċi President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

14

1. Inressqu lill-Ewropa eqreb taċ-ċittadini:  
id-demokrazija u l-ġejjieni tal-UE

18

2. Il-ġestjoni tat-trasformazzjonijiet fundamentali tas-soċjetà:  
nibnu komunitajiet reġjonali u lokali reżiljenti

22

3. Il-koeżjoni, il-valur fundamentali tagħna:  
politiki tal-UE bbażati fuq il-post

28

X'inhu l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni?

30

President Olgierd Geblewicz  
*Grupp PPE*

32

President Christophe Rouillon  
*Grupp PSE*

34

President François Decoster  
*Grupp Renew Europe*

36

President Władysław Ortyl  
*Grupp KRE*

38

President Kieran McCarthy  
*Grupp AE*

40

Kopresidenti Bernd Voß u Satu Haapanen  
*Grupp tal-Ħodor*

It-3 prijoritajiet ewlenin

Messaġġi mill-Presidenti tal-gruppi politiċi



# Dahlia





# Apostolos Tzitzikostas

President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni



 @CoR\_President

Il-kriżi ekonomika, dik tal-migrazzjoni u dik tal-COVID-19 urew li huwa biss bl-akkomunament tar-riżorsi u billi naħdmu flimkien li l-Ewropa tista' taqdi bl-aħjar mod l-interessi taċ-ċittadini tagħha. Kull darba li l-Ewropa għet ikkonfrontata bi sfidi ġodda, hija serrħet fuq il-gvernijiet lokali u reġjonali tagħha biex jaġixxu u jsibu soluzzjonijiet għall-komunitajiet tagħna.

Illum qegħdin fl-istess ilma. In-natura bla preċedent tal-kriżi teħtieġ li l-Ewropa turi unità u solidarjetà billi tappoġġja l-isforzi tal-miljun politiku lokali u reġjonali tagħha. Il-kontribut tal-mexxejja lokali u reġjonali huwa u ser ikun kruċjali biex titwaqqaf il-pandemija, jibqgħu jiġu provduti s-servizzi pubbliċi, jiġu protetti l-impjegji, jiġu appoġġjati l-SMEs u titwitta t-triq għall-irkupru. Li jiġu salvati l-ħajjiet u l-ekonomiji tagħna huwa sinonimu ma' appoġġ għall-komunitajiet lokali kollha.

**Il-bini ta' Ewropa koeżiva, reżiljenti u sostenibbli li tkun eqreb tan-nies ser tkun il-prijorità ewlenija tagħna matul il-ħames snin li ġejjin.**



Biex jinkiseb dan, ser niffukaw fuq it-tishiġ u l-protezzjoni tad-demokrazija. Jeħtieġ li d-demokrazija Ewropea tiġi modernizzata biex tkun tista' twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini. Il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa hija opportunità biex issir bidla billi l-gvernijiet lokali u reġjonali jingħataw rwol aktar b'saħħtu fl-UE. Ser inkomplu nippromovu l-Ewropa u l-valuri fundamentali tagħha lokalment – inklużi l-ibertà tal-kelma, l-ugwaljanza, id-drittijiet tal-bniedem u l-ibertà tal-moviment – li huma vitali għall-futur tad-demokrazija.

It-tieni nett, irridu niffukaw mill-ġdid l-isforzi tal-UE biex tappoġġja l-bliet u r-reġjuni kollha biex jirreaġixxu għat-trasformazzjonijiet ewlenin li jiffaċċjaw illum. Dawn jinkludu l-iżgurar li l-UE tassisti r-rispons u l-irkupru tagħhom għall-pandemija. Barra minn hekk, l-Ewropa ma għandhiex tneħħi minn quddiem għajnejha l-emerġenza klimatika, it-tibdil demografiku, il-migrazzjoni, u d-diġitalizzazzjoni. Dawn l-isfidi kollha jeħtieġu approċċ Ewropew koerenti, integrat u lokali li jappoġġja lil kull ċittadin. Il-mod kif l-Ewropa twieġeb għal dawn in-trasformazzjonijiet u toħroġ mill-pandemija ser jiddetermina l-futur tal-Unjoni Ewropea.

It-tielet, il-koeżjoni bħala valur fundamentali għandha tissaħħaħ u għandha tkun il-boxxla taġ-ġejjieni tal-Ewropa. Fi żminijiet ta' inċertezza bħal dawn, il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali bejn ir-reġjuni, il-bliet u n-nies hija meħtieġa mhux biss biex jiġi żgurat il-futur fit-tul tal-ekonomija Ewropea, iżda bħala turija tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea. L-UE trid tipprovdi biżżejjed finanzjament reġjonali u agrikolu, iżda trid tmur lil hinn minn dan. Il-koeżjoni trid tkun fl-qalba tal-prijoritajiet, il-politiki u l-programmi tagħha biex tgħaqqad il-komunitajiet tal-Ewropa.



L-urġenza biex l-Ewropa tingħaqad, tirreaġixxi u tinvesti fir-reġjuni u l-bliet kollha hija tal-akbar importanza biex jiġi żgurat il-futur taċ-ċittadini tagħna. Issa, aktar minn qatt qabel, l-Unjoni Ewropea trid tuża r-riżorsi kollha tagħha, timmodernizza l-arkitettura demokratika u istituzzjonali tagħha u turi li hija għas-servizz ta' kull komunità lokali u ta' kull ċittadin.

### ***Apostolos Tzitzikostas***

*President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni  
Kap tar-Reġjun tal-Maċedonja Ċentrali, il-Ġreċja*

# Vasco Alves Cordeiro

L-ewwel Viċi President tal-Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni



 @VascoCordeiro3

Wara rkupru twil u diffiċli mill-kriżi finanzjarja, il-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-effetti globali tagħha hija sejħa ġdida ta' twissija biex tfakkar lill-mexxejja tal-UE dwar il-ħtieġa ta' Ewropa aktar b'saħħitha u aktar ġusta, UE aktar robusta u mod differenti ta' ħidma biex jiġu żgurati riżultati aħjar. Solidarjetà bejn il-livelli kollha u azzjoni konġunta biss jistgħu jippermettulna negħlbu l-isfidi li l-Istati Membri u r-reġjuni ma jistgħux jiffaċċjaw waħedhom. Fl-interess tal-proġett Ewropew innifsu, huwa essenzjali li wieħed iżomm f'moħħu li n-nies mhux qegħdin jistennew biss li l-UE taġixxi f'fismhom. Ninsab konvint li, meta tiġi indirizzata sfida tant tremenda, in-nies jistennew ukoll mill-UE li twassalna biex nieħdu azzjoni, li ġġib tweġibiet effiċjenti, rapidi u viżibbli għall-bosta kwistjonijiet li qiegħda toħloq din il-pandemija.

M'hemmx Unjoni mingħajr koeżjoni. Id-disparitajiet fl-iżvilupp bejn ir-reġjuni u bejn l-Istati Membri għadhom konsiderevoli u ser jiġu esposti aktar hekk kif nindirizzaw l-effetti tal-pandemija. Jeħtieġ li l-UE tappoġġja



l-iżvilupp reġjonali sabiex tkun tista' tiġġieled l-inugwaljanzi u d-disparitajiet soċjali, ekonomiċi u territorjali, kif ukoll tipprovdi l-appoġġ li ċ-ċittadini tagħha jeħtieġu u jtolbu. Din hija r-raġuni għalfejn aħna, bħala politiċi lokali u reġjonali, nippromovu baġit Ewropew robust u deċentralizzat, b'riżorsi addizzjonali ddedikati għall-prijoritajiet ġodda u emerġenti fis-settur tas-saħħa, il-klima u l-migrazzjoni. Aħna nappellaw ukoll għal regoli fiskali riveduti sabiex jiġu appoġġjati investment pubbliku b'saħħtu u servizzi pubbliċi effiċjenti fil-livell lokali u reġjonali. Il-politika ta' koeżjoni hija l-qafas ideali biex jinkiseb l-irkupru soċjali u ekonomiku li l-Ewropa teħtieġ sabiex terġa' tikseb il-pożizzjoni ta' tmexxija tagħha fid-dinja. Dan ser jippermettilna nibnu Ewropa aktar progressiva u sostenibbli li tagħti kas iċ-ċittadini u l-ambjent tagħha.

Irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika, id-daqs jew il-ġid tagħhom, kull reġjun u belt fil-kontinent jew fl-aktar postijiet remoti għandhom ikunu parti mill-proġett Ewropew peress li kull ċittadin huwa importanti. Dawn il-bliet u r-reġjuni jirrappreżentaw il-bażi demokratika li fuqha l-mexxejja tal-UE għandhom jibnu mill-ġdid l-Ewropa flimkien

ma' aktar minn miljun politiku lokali u reġjonali eletti miċ-ċittadini tal-UE. Huma fuq quddiem nett ta' kull kriżi biex jappoġġjaw liċ-ċittadini tagħna u għalhekk għandhom ikunu involuti bis-siħħ fil-ħidma ta' kuljum tal-UE.



Għall-ħames snin li ġejjin, il-KtR ser iwitti t-triq u jafferma mill-ġdid il-prijoritajiet tal-bliet u r-reġjuni għall-futur tal-Unjoni tagħna. Ser inkunu qed naħdmu mal-bqija tal-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll mal-imsieħba Ewropej, nazzjonali u lokali tagħna. **Il-missjoni tagħna hija li nqarrbu l-UE lejn fejn jgħixu ċ-ċittadini: il-bliet u r-reġjuni tagħhom.**

*Vasco Alves Cordeiro*

*L-ewwel Viċi President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni  
President tal-Gvern Reġjonali tal-Azores,  
il-Portugall*



# Il-prijoritajiet

**Il-koeżjoni, il-valur fundamentali  
tagħna:**  
politiki tal-UE bbażati fuq il-post



**Inressqu lill-Ewropa eqreb taċ-ċittadini:**  
id-demokrazija u l-futur tal-UE



**Niġġestixxu t-trasformazzjonijiet  
fundamentali tas-soċjetà:**  
nibnu komunitajiet reġjonali u lokali reżiljenti

# Inressqu lill-Ewropa eqreb taċ-ċittadini: id-demokrazija u l-futur tal-UE



## Nikkunsidraw mill-ġdid kif taħdem id-demokrazija llum

Il-prijorità ewlenija tagħna hija li nressqu l-Ewropa eqreb tal-poplu tagħha u nsaħħu d-demokrazija Ewropea fil-livelli kollha tal-gvern. Għandha l-għan li ttejjeb il-mod kif taħdem l-UE, filwaqt li tiżgura li l-politiki u l-programmi tagħha jissodisfaw il-ħtiġijiet reali taċ-ċittadini. Irridu nimmodernizzaw l-Unjoni Ewropea sabiex taqdi aħjar il-ħtiġijiet taċ-ċittadini.



*Libertà*

*Demokrazija lokali*

**Il-valuri u l-fundamen**

*Ħidma id f'id mal-familji politiċi ewlenin tal-UE*

*Relazzjonijiet ma' networks reġjonali/lokali, assoċjazzjonijiet u l-uffiċċji ta' Brussell*

*Ħidma mal-pajjiżi tat-tkabbir u l-ġirien tal-UE*

**Il-fiduċja taċ-ċittadini f'miljun mexxej lokali u reġjonali tal-UE**

*Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa*

*Sinerġiji bejn il-parlamenti reġjonali, nazzjonali u tal-UE*

*Relazzjonijiet interistituzzjonali tal-UE*

**Titjib tal-arkitettura demokratika tal-UE**



Identitajiet  
lokali tal-UE

Stat tad-dritt

Id-drittijiet tal-bniedem  
u l-ugwaljanza

## Inressqu lill-Ewropa eqreb taċ-ċittadini: id-demokrazija u l-ġejjieni tal-UE

Djalogi lokali

Żieda fil-parteċipazzjoni  
tan-nisa fil-politika

Żgħażagħ politiċi eletti  
lokalment

Nisimgħu u nirrispondu  
liċ-ċittadini

Involviment mal-politiċi  
lokali u reġjonali

Barometru Lokali u  
Reġjonali Annwali

Monitoraġġ tad-  
demokrazija lokali

Abbażi ta' evidenza

Nersqu viċin  
iç-ċittadini

Demokrazija tridimensjonali:  
Ewropea, nazzjonali  
u reġjonali/lokali

Liġijiet tal-UE aħjar:  
Fit for Future

Sussidjarjetà

# Niġġestixxu t-trasformazzjonijiet fundamentali tas-soċjetà:


nibnu komunitajiet reġjonali u lokali  
reżiljenti



## Nirrispondu għat-trasformazzjonijiet ewlenin li r-reġjuni, il-bliet, l-irħula u l-villaġġi tagħna qegħdin jiffaċċjaw illum

Il-pandemiji globali, il-klima, it-tranżizzjonijiet demografiċi u diġitali, kif ukoll il-fluss tal-migrazzjoni, qed ikollhom impatt profond fuq kull reġjun, belt, belt żgħira u villaġġ Ewropew. Immexxija mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, ser nidentifikaw soluzzjonijiet biex niżguraw li l-UE tappoġġja biżżejjed lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex iwieġbu għal emerġenzi futuri u jindirizzaw it-trasformazzjonijiet tas-soċjeta' li qed iseħħu fil-komunitajiet tagħhom.





**Ekoloġiku**

- Croissance Tkabbir sostenibbli*
- Promozzjoni globali dwar il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima*

**Niġġestixxu t-trasformazzjonijiet fundamentali tas-soċjetà: nibnu komunitajiet reġjonali u lokali reżiljenti**



**Reġjuni u bliet diġitali fl-UE**

*Edukazzjoni, taħriġ u ħiliet*

**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU**

*Nindirizzaw id-distakk diġitali*

*Infrastruttura u konnettività*

*Servizzi pubbliċi diġitali u inċentivi għan-negozji lokali*

*Skjerament tal-5G fil-livell lokali u reġjonali*

**Demografiku**

- Niġġestixxu t-tixjiħ tal-popolazzjoni, it-tnaqqis fil-popolazzjoni u d-depopolazzjoni*
- Eżodu ta' mħuħ*
- Drittijiet soċjali tal-impjegi ta' kwalità u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata*

# Il-koeżjoni, il-valur fundamentali tagħna: politiki tal-UE bbażati fuq il-post



## Inpoġġu l-UE għas-servizz taċ-ċittadini tagħha u l-post fejn jgħixu

It-tielet prijorità tagħna ser tkun li jiġi żgurat li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali titrawwem u tiġi rispettata fil-politiki kollha tal-UE li jaffettwaw lin-nies u l-postijiet fejn jgħixu (l-hekk imsejja politiki bbażati fuq il-post). Dan ser juri l-valur miżjud tal-koeżjoni mhux biss bħala politika, iżda bħala valur fundamentali li għandu jkun il-bażi tal-politiki kollha tal-UE. Il-koeżjoni mhijiex flus, hija l-valur fundamentali tagħna.



#CohesionAlliance

*Mobbiltà intelliġenti*

*Għar-regjuniu  
l-bliet kollha*

*Nindirizzaw  
id-diviżjoni  
urbana/rurali*

*Solidarjetà,  
responsabbiltà  
u effikaċja*

*Politika ta' koeżjoni*

*Żvilupp rurali*

*Riżorsi tal-UE*

*Innovazzjoni u  
intraprenditorija*

*Investiment fit-  
trasport sostenibbli  
madwar l-UE*

*Nadattaw  
l-ekonomiji lokali*

**Kooperazzjoni transfruntiera**

**Governanza ekonomika  
Europea mġedda**

**Investiment Ewropew adegwat**

**Nuru l-valur miż-  
zil fil-ħajja ta' kulj**

**Nattiraw l-investiment privat**

**Il-koeżjoni, il-valur fundamentali tagħna:  
politiki tal-UE bbażati fuq il-post**

**Nindirizzaw id-disparitajiet fl-Ewropa**

**Governanza f'diversi  
livelli u sħubija**

**Nissemplifikaw  
il-politiki tal-UE**

**Apport ta' koeżjoni  
għal kull taċ-ċittadini**



# Il-Kumitat Ewropew tar-Reggjuni







# X'inhu l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni?

Aħna korp istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea. Il-membri tagħna huma presidenti ta' reġjuni, kunsilliera regionali, sindki u kunsilliera lokali eletti, responsabbli demokratikament lejn iċ-ċittadini.

## KOMPOŻIZZJONI



329  
membru




27  
Stat Membru

## OQSMA TA' RESPONSABBILTÀ



## IMPATT



## 3 PRINĊIPI EWLENIN



1 Qrib iċ-ċittadini



2 Governanza f'diversi livelli



3 Sussidjarjetà

Il-President  
**Apostolos Tzitzikostas**

Il-bini ta' Ewropa koeżiva, reżiljenti u sostenibbli li tkun eqreb tan-nies ser tkun il-prijorità ewlenija tagħna matul il-ħames snin li ġejjin.

L-ewwel Viċi President  
**Vasco Alves Cordeiro**

Il-missjoni tagħna hija li nqarrbu l-UE lejn fejn jgħixu ċ-ċittadini: il-bliet u r-reġjuni tagħhom.

**6** gruppi politiċi



**JIRRAPPREŻENTA**

±1 miljun  
politiku lokali u reġjonali

±300  
reġjun

±90 000  
awtorità lokali

±447 miljun  
ċittadin tal-UE

## KUMMISSJONIJIET

6 Kummissjonijiet (gruppi ta' membri) iħejju abbozzi ta' opinjoni u ta' riżoluzzjoni li jridu jitressqu quddiem l-Assemblea Plenarja.

Politika ta' Koeżjoni Territorjali u l-Baġit tal-UE (COTER)



Ambjent, Tbidil fil-Klima u Enerġija (ENVE)

Politika Ekonomika (ECON)



Ċittadinanza, Governanza u Affarijiet Istituzzjonali u Esterni (CIVEX)

Riżorsi Naturali (NAT)



Politika Soċjali, Edukazzjoni, Impjieg, Riċerka u Kultura (SEDEC)

## PJATTAFORMI U NETWORKS

Is-Sħubija tal-Lvant



Assemblea Ewro-Mediterranja

Pjattaforma ta' Monitoraġġ UE2020



Pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar l-SDGs

Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà



Il-Patt tas-Sindki

Atlas ta' Kooperazzjoni Deċentralizzata għall-Iżvilupp



Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali

Network ta' Ċentri Reġjonali



Bliet u Reġjuni għall-Integrazzjoni

**6** PLENARJI



Il-membri tal-KtR jiltaqgħu fil-plenarja fi Brussell biex jivvutaw u jadottaw opinjonijiet.

# Olgierd Geblewicz

President tal-Grupp PPE



 @EPP\_CoR  
eppcor.eu

Il-ħames snin li ġejjin ser ikunu perjodu tassew dinamiku għar-reġjuni tal-Ewropa u għad-demokrazija Ewropea. Il-PPE fil-KtR ser jappoġġja lill-Presidenza fil-ħidma tagħha biex twassal riżultati tanġibbli b'rabta mal-prijoritajiet li stabilixxejna lill-UE u l-isfidi l-ġodda li l-KtR u l-membri tiegħu jistgħu jiffaċċjaw maż-żmien.

**Il-viżjoni tagħna għall-5 snin li ġejjin hija li nagħmlu ċ-ċittadini l-pedament tad-demokrazija Ewropea. Għal dan il-għan jeħtieġ li niżviluppaw mekkaniżmi dejjiema biex nikkonsultaw lin-nies lokament filwaqt li nsaħħu s-sussidjarjetà fl-UE, sabiex inkunu nistgħu nittrasformaw il-kontribut tagħhom f'setgħat marbutin mat-teħid ta' deċiżjonijiet.**

ewwel sentejn tal-mandat għandna nużaw il-momentum tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa sabiex nippromovu l-prijoritajiet fit-tul li joriġinaw mill-bliet u r-reġjuni tagħna.



Id-djalogi maċ-ċittadini lokali b'rispons strutturat u interazzjoni aktar b'saħħitha mal-parlamenti reġjonali u mal-awtoritajiet lokali ser jgħinuna nfaslu politiki Ewropej ijbazati fuq fatti vverifikati mar-realtajiet fil-prattika.

Il-kontribut tagħna għall-ħidma leġiżlattiva ser jiffoka fuq l-isfidi ewlenin li r-reġjuni tal-UE jiffaċċjaw illum - il-kisba tan-newtralità klimatika, nagħmlu l-aħjar użu mit-tranżizzjoni diġitali, inlaħħqu mal-pandemiji globali, nibnu reżiljenza fil-konfront tat-tnaqqis demografiku. Iżda sabiex niżguraw li nippromovu UE li ttejjeb ħajjet in-nies, tappoġġja l-ekonomiji lokali tagħna u toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjeg fi żminijiet ta' bidla, għandna bżonn flessibbiltà fl-aġendi politiċi tagħna u flessibbiltà fil-politika ta' koeżjoni tal-UE. L-isfidi tal-coronavirus b'impatt enormi fuq l-ekonomija nazzjonali, Ewropea u internazzjonali wrew ukoll kemm huma importanti l-komunitajiet lokali li jiffunzjonaw tajjeb u li huma effiċjenti biex jiġu assigurati

l-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum, il-kura primarja u infrastruttura lokali affidabbli. Nistgħu niksbu dan billi nintensifikaw il-konsultazzjonijiet u l-azzjonijiet komuni ma' gruppi politiċi favur l-Ewropa li jaħsbuha bl-istess mod u mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE.

Bħala politiċi reġjonali u lokali eletti aħna responsabbli wkoll biex inwasslu immaġni realistika tal-politiki tal-UE f'pajjiżna u lil hinn mill-kostitwenzi tagħna. Li nixħtu dawl fuq is-suċċess tal-UE fil-midja reġjonali u lokali u l-promozzjoni tas-solidarjetà u tal-appoġġ reċiproku bejn ir-reġjuni tal-UE huma kruċjali għas-suċċess ta' ħidmitna.

***Olgierd Geblewicz***

*President tal-Partit Popolari Ewropew (PPE)*

*President tar-Reġjun ta'*

*Zachodniopomorskie, il-Polonja.*



# Christophe Rouillon

President tal-Grupp PSE

 @PES\_CoR

[pescor.eu](http://pescor.eu)

Ħafna mill-120 000 belt u reġjun madwar l-Unjoni Ewropea huma mmexxija minn sindki u presidenti progressivi, soċjalisti u soċjodemokratiċi. Aħseb fil-bliet kapitali bħal Berlin, Brussell, jew Budapest. Aħseb fil-bosta reġjuni fil-Ġermanja, fi Spanja, jew fi Franza u dawk aktar imbiegħda bħall-Azores fil-Portugall. Aħseb f'muniċipalitajiet żgħar, periurbani jew rurali, bħal tiegħi. Ir-rwol tagħna bħala l-Grupp tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej huwa li nagħtuhom vuċi u naħdmu flimkien magħhom biex noħolqu Unjoni Ewropea aktar sostenibbli, ġusta u inklużiva li ma tħalli warajha l-ebda persuna u l-ebda post.

Qegħdin niffaċċjaw żminijiet diffiċli. Il-kriżi tal-coronavirus kompliet biss tiggrava kwistjonijiet urġenti diġà eżistenti bħall-emerġenza klimatika u ekoloġika, l-inugwaljanzi soċjali li qegħdin jiżjeddu, it-trasformazzjoni tax-xogħol u d-diġitalizzazzjoni, in-nuqqas ta' opportunitajiet għall-bosta nies, u s-sentiment mifrux li



ċ-ċittadini spiċċaw bla setgħa. Il-bliet u r-reġjuni għandhom rwol importanti ħafna x'jaqdu biex jiffaċċjaw dawn l-isfidi. Bil-motto tagħna "Aħseb globalment, aġixxi lokalment", il-grupp tagħna, b'saħħa ta' kważi 200 rappreżentant elett, jirrappreżenta aġenda politika ispirata mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti. Qegħdin nimmiraw li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jifformula proposti solidi f'dan il-mandat, b'mod partikolari dwar is-sostenibbiltà, il-politika ta' koeżjoni, l-akkomodazzjoni, it-tranżizzjoni enerġetika, il-protezzjoni tal-ħaddiema, id-diġitalizzazzjoni u d-drittijiet diġitali, sabiex ngħinu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lill-UE fi triqthom lejn żvilupp sostenibbli. Dan jinvolvi wkoll li nkunu kuraġġużi fejn jidħol l-SDG 5 dwar il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti ta' setgħa lin-nisa u lill-bniet.



**Il-kriżi li qed niffaċċjaw bħalissa tista' tinbidel f'opportunità jekk ikollna l-kuraġġ nibnu futur ġdid għall-komunitajiet tagħna. Għaldaqstant, Patt Ekoloġiku li jinvolvi bis-siġħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikun kruċjali. Il-ħiliet u r-riżorsi tagħhom huma tabilħaqq essenzjali biex titwettaq tranżizzjoni ġusta.**

Ser niddefendu wkoll l-idea ta' rwol aktar politiku għall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni. Aktar minn qatt qabel, il-Kumitat irid ikun il-vuċi tat-territorji fl-istituzzjonijiet tal-UE u jikkontribwixxi għat-tiswir tal-futur tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u d-djalogi maċ-ċittadini. Iżda irrispettivament mill-kuntest jew mill-kriżi li qegħdin niffaċċjaw, l-imġiba tagħna ser tkun konstantament favur integrazzjoni Ewropea aktar profonda bbażata fuq is-sussidjarjetà, is-solidarjetà u li taderixxi mingħajr kundizzjoniet mal-valuri u l-libertajiet fundamentali tal-Ewropa.

***Christophe Rouillon***

*President tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej (PSE)  
Sindku ta' Coullaines, Franza*

# François Decoster

President tal-Grupp Renew Europe



@RenewEuropeCoR

reneweurope-cor.eu

Il-pandemija tal-COVID-19 kixfet il-lakuni fil-funzjonament tas-soċjetajiet u tal-Unjoni tagħna. Fl-istess ħin, qed toffrinla opportunità.

**Irridu nassiguraw li kull pass li ser nieħdu jwassalna għal soċjetà aktar b'saħħitha u magħquda. Sabiex niksbu dan, ser niffokaw fuq il-ħolqien tal-qafas it-tajjeb għal irkupru li huwa ekoloġiku, intelliġenti u inklużiv.**

Irkupru li jżomm in-neutralità klimatika fit-triq it-tajba, filwaqt li jimplementa l-Patt Ekoloġiku b'mod ġust u b'apport ġoż finanzażju. Tranżizzjoni ekoloġika, lejn ekonomija dekarbonizzata, li ser toħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju u ta' xogħol. Tranżizzjoni li għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal tip ġdid ta' ekonomija tas-suq, ibbażata fuq enerġija ħielsa mill-karbonju, opportunitajiet indaq, kompetizzjoni ġusta li tipprevjeni u tindirizza monopolji ta' kwalunkwe tip (pubbliċi jew privati, kważi jew de facto),



b'regolamentazzjoni adatta biex tiproteġi lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Tranżizzjoni li tiffaċilita politika industrijali bbażata fuq il-post, tassisti lill-industriji strateġiċi, tinkludi t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li x-xogħlijiet tagħhom qegħdin jisparixxu, toħloq xogħlijiet lokali sostenibbli, speċjalment għaż-żgħażagħ tagħna u tagħti spinta lill-SMEs. Tranżizzjoni li tiżgura bijodiversità bbilanċjata u l-protezzjoni u l-ġestjoni adatta tal-ambjent tagħna, iż-żoni urbani u rurali tagħna, kif ukoll il-foresti tagħna. Tranżizzjoni li tippermettilna nesperjenzaw id-destinazzjonijiet turistiċi Ewropej tagħna kollha b'mod sostenibbli.

Irkupru li jevalwa t-tibdil demografiku u jiżgura li d-deċiżjonijiet futuri jkunu mfassla apposta għall-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet lokali; li jqis il-produzzjoni ta' tagħmir sanitarju u tas-saħħa meħtieġ bħala strateġika u li s-saħħa pubblika ssir sħubija reali u effettiva bejn il-mexxejja lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Irkupru li jibbenefika mill-progress kbir li sar fid-diġitalizzazzjoni tas-setturi pubbliċi u

privati u jmur lil hinn, billi jiżgura li kull dar u l-iżgħar intrapriżi jkollhom broadband ta' kwalità għolja u li kull ċittadin, irrispettivament mill-età jew il-ġeneru tiegħu, jiġi mgħalliem il-ħiliet it-tajba biex jużahom għal aċċess aħjar għas-servizzi pubbliċi u privati. Irkupru bbażat fuq l-istat tad-dritt, it-tiħiħ tad-demokrazija lokali, kemm f'termini tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, permezz ta' għodod diġitali, kif ukoll f'termini tal-kwalità tad-demokrazija lokali, mingħajr korruzzjoni, inklużiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna, b'midja lokali ħielsa u soċjetà ċivili attiva, u li fiha ċ-ċittadini jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet offruti lilhom mis-sħubija fl-UE.

### **François Decoster**

*President tal-Grupp Renew Europe*

*Sindku ta' Saint Omer*

*Membri tal-Kunsill Reġjonali ta' Hauts-de-France, Franza*



# Władysław Ortyl

President tal-Grupp KRE



 @ECR\_CoR  
[web.cor.europa.eu/ecr](http://web.cor.europa.eu/ecr)

**Fi ħdan il-Grupp KRE aħna ddedikati għal Ewropa aktar għanja, sigura u deċentralizzata, immexxija minn komunitajiet lokali fi sħubija mal-gvernijiet nazzjonali. Gvern imexxi l-aħjar meta jisma' liċ-ċittadini u jonfoq flus il-kontribwenti b'mod responsabbli, u huwa għalhekk li aħna nenfasizzaw il-prinċipji tar-realiżmu, tas-sussidjarjetà u tad-demokrazija.**

Fi żminijiet diffiċli bħal dawk li għaddejjin minnhom bħalissa, jeħtieġ li l-ewwel inkunu pragmatiċi. Il-Grupp KRE jirrappreżenta moviment konservattiv li jemmen li permezz tal-kooperazzjoni Ewropea fl-oqsma ewlenin nistgħu nsibu soluzzjonijiet reali biex nindirizzaw kwistjonijiet reali. Huwa permezz ta' politiki ta' sens komun u li nirrispettaw ix-xewqat taċ-ċittadini tagħna li nistgħu nsibu soluzzjonijiet li jgħinu joħlqu l-impjieg u li jagħmlu l-Ewropa post aktar sikur fejn wieħed jgħix.



Waħda mill-aktar sfidi dejjema li qed tiffaċċja l-UE llum hija l-irkupru ekonomiku wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19. Il-Grupp tagħna kien favur azzjonijiet reali fl-ispirtu tas-solidarjetà: assistenza finanzjarja lir-reġjuni f'diffikultà, aktar flessibilità fl-użu tal-fondi tal-UE, u t-tneħħija tad-dazji fuq l-importazzjoni ta' tagħmir mediku. Aħna enfasizzajna wkoll li l-politiki l-ġodda kollha jeħtieġ li jqisu r-realtajiet lokali u reġjonali u jiżguraw li kwalunkwe miżura tal-UE ma tiksirx is-sovranità tal-istat nazzjon jew tabilħaqq tal-gvern lokali.

Fundamentalment, il-pajjiżi u r-reġjuni Ewropej huma differenti b'għadd kbir ta' modi: il-lingwa, in-nazzjonalità, l-iżvilupp ekonomiku, ir-riżorsi naturali, il-livell ta' edukazzjoni lokali, il-ġeografija u l-introjt. Huwa għalhekk li aħna nemmnu li hija biss UE li tirrispetta dik id-diversità u li tafda lill-pajjiżi u lir-reġjuni tagħha li tista' tibni futur aktar sod, wieħed li jtejjeb ħajjet in-nies.



L-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jsibu l-mudell li jgħodd l-aktar għalihom biex jindirizzaw kwalunkwe ħaġa mill-politiki fiskali sal-ħolqien ta' impjieg li jippermettu liż-zgħażaġh jibqgħu fiż-żona ta' oriġini tagħhom u jibdeu familja. Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra li jirrikjedu kooperazzjoni fil-livell tal-UE, naraw b'żonn ċar għal Ewropa b'saħħitha f'oqsma bħall-koeżjoni territorjali, ir-riċerka xjentifika, l-agrikoltura u s-sug uniku.

Aħna noffru viżjoni kuraġġuża u alternattiva ta' UE riformata bħala komunità ta' nazzjonijiet u reġjuni li jikkoperaw flimkien f'oqsma fejn għandna interessi komuni li jistgħu jiġu żviluppati l-aħjar permezz ta' ħidma effettiva. Fil-qalba ta' kull deċiżjoni li tittieħed mill-politiċi tagħna hemm il-kunsiderazzjoni ta' jekk din hux qiegħda żżid il-valur għall-kontribwenti li jstinkaw fl-Unjoni.

### **Władysław Ortyl**

*President tal-Grupp tal-Konservattivi u*

*r-Riformisti Ewropej (KRE)*

*President tar-Reġjun ta' Podkarpackie, il-Polonia*

# Kieran McCarthy

President tal-Grupp AE



 @EA\_CoR  
[web.cor.europa.eu/ea](http://web.cor.europa.eu/ea)

Hemm ħafna sfidi soċjali u ekonomiċi ta' żminijietna. Ir-reġjuni u l-bliet madwar l-UE jibqgħu fuq quddiem nett biex iwiegħbu għal sfidi bħal dawn – jaġixxu fuqhom, isibu soluzzjonijiet, filwaqt li l-ħin kollu jimxu 'l quddiem b'mod ambizzjuż u sostenibbli. Il-pandemija reċenti tal-coronavirus uriet ukoll għal darb'oħra kemm huma importanti l-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-ħajja taċ-ċittadini tal-UE.

Fl-Ewropa, il-presidenti tar-reġjuni, is-sindki u l-kunsilliera reġjonali u lokali għandhom għarfien u esperjenzi vasti li jistgħu jiġu kondiviżi – tali għarfien u esperjenzi jikkontribwixxu bil-bosta għall-oqsma ta' politika attwali u futuri tal-UE. Il-KtR ilu 25 sena jgħin fil-kisba tal-viżjoni tal-UE, filwaqt li l-ħin kollu jistaqsi l-mistoqsijiet diffiċli, ifittex soluzzjonijiet permezz ta' sħubija, u jippromovi l-etos tal-UE.



Fl-aħħar nett, m'għandniex ninsew min aħna. Iva, aħna membri ta' Unjoni Ewropea, li ġġib benefiċċji enormi għalina l-koll, iżda l-koll għandna l-kulturi, it-tradizzjonijiet u l-lingwi differenti tagħna. Il-ħtieġa li naħdmu għaċ-ċittadini tal-UE u f'isimhom, filwaqt li nirrispettaw id-diversità tar-reġjuni tagħna, hija sinifikanti hekk kif nimxu 'l quddiem bl-isfidi ta' żminijietna.

**Kieran McCarthy**

*President tal-Grupp tal-Alleanza Ewropea (AE)  
Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Cork,  
l-Irlanda*

Il-KtR huwa parti ewlenija tat-Tim UE. Permezz tal-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra, il-KtR bena interfaċċa komuni man-nies li jgħixu f'kull rokna tal-UE. Madankollu, il-KtR jeħtieġ li jkompli jadatta l-mekkaniżmi tiegħu biex jiżgura li l-vuċi u s-setgħat tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali jitqiesu kif dovut fil-leġiżlazzjoni Ewropea.


L-Alleanza Ewropea temmen li l-Unjoni Ewropea għandu jkollha viżjoni b'saħħitha, li tgħaqqad il-politiki, u li ser tkun ta' benefiċċju għall-bliet, l-irħula, iż-żoni rurali u periferiċi tagħna fl-UE. Il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-investment finanzjarju u l-ħolqien ta' regolamentazzjoni flessibbli huma kruċjali għall-ħolqien ta' approċċi innovattivi u trasversali li jappoġġjaw ekonomija tal-UE ġusta u ambjentalment sostenibbli.



# Bernd Voß Satu Haapanen

Kopresidenti tal-Grupp tal-Eodor



 @Greens\_CoR

[web.cor.europa.eu/greens](http://web.cor.europa.eu/greens)

Ċittadini attivi u l-involvement demokratiku tagħhom huma fundamentali kemm għall-Unjoni Ewropea kif ukoll għar-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet bil-għan li jiffassal futur komuni.

Huwa biss Patt Ekoloġiku Ewropew, li fih l-oqsma ta' politika kollha huma integrati b'mod konsistenti - l-agrikoltura kif ukoll l-industrija, it-trasport, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali - li ser isir strateġija ta' tkabbir sostenibbli għall-Ewropa. Aktar ma nitilfu żmien fi triqtna lejn enerġija totalment rinnovabbli, aktar ser ikunu kbar l-ispejjeż ekonomiċi. It-tranżizzjoni ġusta trid issejtni issa - dan huwa l-uniku mod kif nistgħu niżguraw il-benesseri tagħna, ikollna impjegji deċenti u nżommu l-mobbiltà. Għaldaqstant, irridu miri vinkolanti fl-UE għas-snin li ġejjin sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-klima u tal-enerġija.



Ir-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet jeħtieġu opportunitajiet ta' investment sostenibbli, peress li l-politiki tal-UE, fil-biċċa l-kbira, huma implimentati fil-livell reġjonali u lokali. L-UE għandha tipprowdi appoġġ finanzjarju xieraq, u l-finanzjament tal-UE għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-miri ta' Pariġi dwar il-klima filwaqt li tissaħħaħ il-ġustizzja soċjali. **Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jista' jkollu rwol kruċjali biex il-Patt Ekoloġiku jitqiegħed fil-prattika.**

Il-Grupp tal-Ħodor irid jara l-Ewropa toffri opportunitajiet indaqs liċ-ċittadini kollha tagħha. Aħna rridu noffru edukazzjoni ta' kwalità lil uliedna irrispettivament minn fejn jikbru u nagħtuhom garanzija ta' futur b'tama u opportunitajiet. Aħna rridu niżguraw il-bijodiversità fil-foresti u l-ibħra tagħna; irridu li t-tibdil fil-klima jitwaqqaf.



Aħna nistinkaw għal komunitajiet inklużivi fejn in-nies jistgħu jafdaw li l-vuċijiet tagħhom ser ikunu stmati u d-drittijiet ċivili tagħhom jiġu rispettati. Aħna nistinkaw biex noħolqu xogħlijiet li jqisu mhux biss il-bżonnijiet tan-nies iżda wkoll il-vulnerabbiltà tal-ambjent.

Aħna nqisu l-umanità bħala dritt universali tal-bniedem, li mhuwiex negożjabbli u jiffirma l-bażi ta' valur għal kull azzjoni tagħna. Għaldaqstant, aħna nitolbu trattament ġust u uman għal dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħar-refuġjati u l-persuni li qed ifittxu l-asil. L-Unjoni Ewropea trid issib mezzi biex tgħin lill-pajjiżi fil-fażi ta' iżvilupp jiżviluppaw id-demokrazija, jiġġieldu t-tibdil fil-klima u jwettqu l-obbligi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem.

#### *Satu Haapanen*

*Kopresident tal-Grupp tal-Ħodor  
Kunsillier tal-Belt ta' Oulu, il-Finlandja*

#### *Bernd VOß*

*Kopresident tal-Grupp tal-Ħodor  
Membru tal-Landtag ta' Schleswig-Holstein,  
il-Ġermanja*







**Kumitat Ewropew  
tar-Reġjuni**

# Il-post li jospita l-villaġġi, l-irħula, il-bliet u r-reġjuni tal- Unjoni Ewropea. *Ikkuntattjana!*

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) huwa l-assemblea politika tal-UE ta' 329 rappreżentant reġjonali u lokali minn kull wieħed mis-27 Stat Membru. Il-membri tagħna huma presidenti tar-reġjuni, kunsilliera reġjonali, sindki u kunsilliera lokali eletti – responsabbli demokratikament lejn 'il fuq minn 446 miljun ċittadin Ewropew. L-oġettivi ewlenin tal-KtR huma li jinvolti lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u lill-komunitajiet li jirrappreżentaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u li jinfurmahom dwar il-politiki tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jikkonsultaw lill-Kumitat fl-oqsma ta' politika li jaffettwaw lir-reġjuni u l-bliet. Jista' jappella quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala mezz biex jiddefendi l-liġi tal-UE fejn ikun hemm ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà jew nuqqas ta' rispett lejn l-awtoritajiet reġjonali jew lokali.

Ġunju 2020

Rue Belliard/Belliardstraat 101 | 1040 Bruxelles/Brussel | BELGIQUE/BELGIË | Tel. +3222822211 | [www.cor.europa.eu](http://www.cor.europa.eu)  
@EU\_CoR | /european.committee.of.the.regions | /european-committee-of-the-regions | eu\_regions\_cities

